SENTENZA TAL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (It-Tmien Awla)

20 ta' Mejju 2021 *

"Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Sigurtà soċjali – Determinazzjoni tal-leġiżlazzjoni applikabbli – Regolament (KEE) Nru 1408/71 – Artikolu 13(2)(a) – Artikolu 14(2) – Persuna normalment impjegata fit-territorju ta' żewġ Stati Membri jew iktar – Kuntratt ta' xogħol uniku – Persuna li timpjega stabbilita fl-Istat Membru ta' residenza tal-ħaddiem – Attività bħala persuna impjegata eżerċitata esklużivament fi Stati Membri oħra – Xogħol imwettaq fi Stati Membri differenti matul perijodi suċċessivi – Kundizzjonijiet"

Fil-Kawża C-879/19,

li għandha bħala suġġett talba għal deċiżjoni preliminari skont l-Artikolu 267 TFUE, imressqa mis-Sąd Najwyższy (il-Qorti Suprema, il-Polonja), permezz ta' deċiżjoni tad-19 ta' Settembru 2019, li waslet fil-Qorti tal-Ġustizzja fit-2 ta' Diċembru 2019, fil-proċedura

FORMAT Urządzenia i Montaże Przemysłowe

vs

Zakład Ubezpieczeń Społecznych I Oddział w Warszawie,

fil-preżenza ta':

UA,

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (It-Tmien Awla),

komposta minn N. Wahl, President tal-Awla, F. Biltgen (Relatur) u L. S. Rossi, Imħallfin,

Avukat Ġenerali: E. Tanchev,

Reġistratur: Calot Escobar,

wara li rat il-proċedura bil-miktub,

wara li kkunsidrat l-osservazzjonijiet ippreżentati:

– għal FORMAT Urządzenia i Montaże Przemysłowe, minn W. Barański, adwokat,

– għaż-Zakład Ubezpieczeń Społecznych I Oddział w Warszawie, minn M. Drewnowski, radca prawny,

– għall-Gvern Pollakk, minn B. Majczyna, bħala aġent,

* Lingwa tal-kawża: il-Pollakk.

– għall-Gvern Belġjan, minn L. Van den Broeck u S. Baeyens, bħala aġenti,

– għall-Kummissjoni Ewropea, minn D. Martin u A. Szmytkowska, bħala aġenti,

wara li rat id-deċiżjoni, meħuda wara li nstema' l-Avukat Ġenerali, li l-kawża tinqata' mingħajr konklużjonijiet,

tagħti l-preżenti

Sentenza

1 It-talba għal deċiżjoni preliminari tirrigwarda l-interpretazzjoni tal-Artikolu 14(2)(b) tar-Regolament (KEE) Nru 1408/71 tal-Kunsill ta' l-14 ta' Ġunju 1971 dwar l-applikazzjoni ta' l-iskemi tas-siġurtà soċjali għall-persuni impjegati u l-familja tagħhom li jiċċaqilqu ġewwa l-Komunità, kif emendat u aġġornat bir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 118/97, tat-2 ta' Diċembru 1996 (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 5, Vol. 3, p. 3), kif emendat bir-Regolament tal-Kunsill Nru 1606/98, tad-29 ta' Ġunju 1998 (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 5, Vol. 3, p. 308, iktar 'il quddiem "ir-Regolament Nru 1408/71").

2 Din it-talba tressqet fil-kuntest ta' kawża bejn il-kumpannija Format Urządzenia i Montaże Przemysłowe (iktar 'il quddiem "Format") u ż-Zakład Ubezpieczeń Społecznych I Oddział w Warszawie (l-Istituzzjoni tal-Assigurazzjonijiet Soċjali, Fergħa Nru 1 f'Varsavja, il-Polonja), dwar id-determinazzjoni tal-leġiżlazzjoni applikabbli għal UA, impjegat ta' Format (iktar 'il quddiem il-"persuna kkonċernata") fil-qasam tas-sigurtà soċjali.

Il-kuntest ġuridiku

3 Skont is-sitt premessa tar-Regolament Nru 1408/71, ir-regoli ta' koordinament għandhom jiżguraw lill-ħaddiema li jiċċaqilqu ġewwa l-Unjoni Ewropea kif ukoll lill-aventi kawża u lis-superstiti tagħhom, iż-żamma tad-drittijiet u tal-vantaġġi miksuba jew li huma fil-proċess li jinkisbu.

4 Mit-tmien premessa ta' dan ir-regolament jirriżulta li d-dispożizzjonijiet tiegħu huma intiżi li l-persuni kkonċernati jkunu, fil-prinċipju, suġġetti għas-sistema ta' sigurtà soċjali ta' Stat Membru wieħed, sabiex jevitaw il-kumulu ta' leġiżlazzjonijiet applikabbli applikabbli u l-kumplikazzjonijiet li jistgħu jirriżultaw minnhom.

5 L-Artikolu 1(h) tal-imsemmi regolament jipprevedi li, għall-finijiet tal-applikazzjoni ta' dan ir-regolament, il-kelma "residenza" tfisser il-post abitwali ta' residenza.

6 Taħt it-Titolu II tal-istess regolament, intitolat "Determinazzjoni tal-leġislazzjoni applikabbli", l-Artikolu 13, intitolat "Regoli ġenerali" jipprevedi:

"1. Bla ħsara għall-Artikoli 14ċ u 14f, persuni li għalihom japplika dan ir-Regolament għandhom ikunu soġġetti għall-liġijiet ta' Stat Membru wieħed biss. Dawk il-liġijiet għandhom jiġu stabbiliti skond id-dispożizzjonijiet ta' dan it-Titolu.

2. Suġġetti għall-Artikoli 14 sa 17:

a) persuna impjegata fit-territorju ta' Stat Membru wieħed tkun suġġetta għal-leġislazzjoni ta' dak l-Istat anke jekk ikun jabita fit-territorju ta' Stat Membru ieħor jew jekk l-uffiċċju reġistrat inkella post tan-negozju ta' l-impriża jew ta' l-individwu li jimpjegah huwa stabbilit fit-territorju ta' Stat Membru ieħor;

[…]”

7 Taħt dan l-istess artikolu, l-Artikolu 14 tar-Regolament Nru 1408/71, intitolat “Regoli speċjali applikabbli għall-persuni, minbarra l-baħrin, ingaġġati fi mpieg imħallas”, jipprevedi:

“L-Artikolu 13(2)(a) japplika suġġett għall-eċċezzjonijiet u ċ-ċirkustanzi li ġejjin:

1) a) Persuna impjegata fit-territorju ta’ Stat Membru minn impriża li magħha normalment ikollu x’jaqsam li tkun ippostjata [ikkollokata] minn dik l-impriża fit-territorju ta’ Stat ieħor biex twettaq xogħol hemm minn dik l-impriża tkompli tkun suġġetta għal-leġislazzjoni ta’ l-ewwel Stat Membru, basta li t-tul antiċipat ta’ dak ix-xogħol ma jkunx jaqbeż tnax-il xahar u li ma tkunx intbagħtet hemm biex tieħu post persuna oħra li tkun temmet iż-żmien tal-postazzjoni tagħha;

[…]

2) Persuna normalment impjegata fit-territorju ta’ żewġ Stati Membri jew iktar tkun suġġetta għal-leġislazzjoni li tkun determinata kif ġej:
   a) Persuna li tifforma parti minn ‘personnel’ vjaġġanti jew tat-titjir ta’ impriża li, b’kera jew b’għoti jew inkella minn jedda, topera servizzi ta’ trasport internazzjonali għall-passiġġieri jew għall-merċa bit-tren, fuq it-triq, bl-ajru jew fuq il-kanali u li għandha l-uffiċċju tagħha reġistrat jew post tan-negozju fit-territorju ta’ Stat Membru tkun suġġetta għal-leġislazzjoni ta’ l-Istat ta’ l-aħħar. […]

   […]
   b) Persuna għajr dik li hemm referenza għaliha f(a) tkun suġġetta:
      i) għal-leġislazzjoni ta’ l-Istat Membru li fih tabita, jekk twettaq l-attività tagħha parzjalment fit-territorju jew jekk hija marbuta ma diversi impriżi u diversi persuni li jimpjegawha li għandhom l-uffiċċji reġistrati jew il-postijiet tan-negozju tagħhom fit-territorju ta’ Stati Membri differenti;
      ii) għal-leġislazzjoni ta’ Stat Membru li fit-territorju tiegħu jinsab l-uffiċċju reġistrat jew post tan-negozju ta’ l-impriża jew ta’ l-individwu li jimpjegaha, jekk ma tabitax fit-territorju ta’ kwalunkwe Stati Membri fejn hija tkun qed twettaq l-attività tagħha.

[…]”

8 Skont l-Artikolu 12(a) tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 574/72, tal-21 ta’ Marzu 1972, li jistipula l-proċedura għall-implementazzjoni tar-Regolament (KEE) Nru 1408/71, fil-verżjoni emendata u aġġornata bir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 118/97, tat-2 ta’ Diċembru 1996 (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 5, Vol. 3, p. 3), kif emendat bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 647/2005, tat-13 ta’ April 2005 (ĠU 2005, L 117, p. 1), l-awtoritajiet tal-Istat kompetenti għandhom, fis-sens tar-Regolament Nru 1408/71, jipprovdu lil persuna li normalment teżerċita attività bħala persuna impjegata fit-territorju ta’ żewġ Stati Membri jew iktar, fis-sens tal-Artikolu 14(2)(b) ta’ dan l-aħħar regolament, ċertifikat li jikkonferma li din il-persuna hija suġġetta għal-leġiżlazzjoni tal-imsemmi Stat Membru kompetenti.

9 Dan iċ-ċertifikat, li l-mudell tiegħu ġie previst fid-Deċiżjoni Nru 202 tal-Kummissjoni amministrattiva tal-Komunitajiet Ewropej għas-sigurtà soċjali tal-ħaddiema migranti, tas-17 ta’ Marzu 2005, fuq il-formoli mudell neċessarji għall-applikazzjoni tar-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 1408/71 u (KEE) Nru 574/72 (E 001, E 101, E 102, E 103, E 104, E 106, E 107, E 108, E 109, E 112, E 115, E 116, E 117, E 118, E 120, E 121, E 123, E 124, E 125, E 126 u E 127) (ĠU 2006 L 77, p. 1) huwa komunament magħruf bl-isem ta’ “formola E 101” jew ta’ “ċertifikat E 101”.

Il-kawża prinċipali u d-domanda preliminari

10 Il-persuna kkonċernata, ċittadin Pollakk residenti fil-Polonja, ħadmet għal Format, li s-sede tagħha tinsab fil-Polonja, fil-kuntest ta' kuntratt ta' xogħol għal żmien determinat għall-perijodu mill-20 ta' Ottubru 2006 sal-31 ta' Diċembru 2009. Matul dan il-perijodu, huwa ħadem fi Franza mit-23 ta' Ottubru 2006, fir-Renju Unit mill-5 ta' Novembru 2007 sas-6 ta' Jannar 2008, imbagħad mill-ġdid fi Franza mis-7 ta' Jannar 2008.

11 Permezz ta' deċiżjoni tat-13 ta' Frar 2008, ibbażata fuq l-Artikolu 14(1)(a) u (2)(b) tar-Regolament Nru 1408/71, l-Istituzzjoni tal-Assigurazzjonijiet Soċjali, Fergħa Nru 1 f'Varsavja, il-Polonja, irrifjuta li joħroġ lill-persuna kkonċernata ċertifikat E 101 li jiċċertifika li, mit-23 ta' Diċembru 2007 sal-31 ta' Diċembru 2009, dan tal-aħħar kien jaqa' taħt l-iskema ta' sigurtà soċjali Pollakka għax-xogħol li huwa kien wettaq f'isem Format.

12 Format u l-persuna kkonċernata ppreżentaw rikors kontra din id-deċiżjoni quddiem is-Sąd Okręgowy w Warszawie (il-Qorti Reġjonali ta' Varsavja, il-Polonja), li ġie miċħud. Din il-qorti kkunsidrat li, sa fejn il-persuna kkonċernata kienet ħadmet f'isem Format għal diversi xhur fit-territorju ta' żewġ Stati Membri, b'mod suċċessiv, hija ma kinitx taqa' taħt il-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 14(2) (b) tar-Regolament Nru 1408/71, iżda taħt dak tal-Artikolu 13(2) (a) ta' dan ir-regolament.

13 Format appellat mid-deċiżjoni tal-imsemmija qorti quddiem Sad Apelacyjny w Warszawie (il-Qorti tal-Appell ta' Varsavja, il-Polonja), li ġie miċħud permezz ta' deċiżjoni tat-23 ta' Jannar 2018.

14 Din il-qorti rrilevat li mis-sentenza tal-4 ta' Ottubru 2012, Format Urządzenia i Montaże Przemysłowe (C-115/11, EU:C:2012:606), jirriżulta li l-kunċett ta' "persuna normalment impjegata fit-territorju ta' żewġ Stati Membri jew iktar", fis-sens tal-Artikolu 14(2)(b) (ii) tar-Regolament Nru 1408/71, ma jkoprix is-sitwazzjonijiet li fihom it-twettiq ta' attività bħala persuna impjegata fit-territorju ta' Stat Membru wieħed jikkostitwixxi s-sitwazzjoni abitwali tal-persuna kkonċernata. L-imsemmija qorti kkunsidrat li, fid-dawl tal-fatt li x-xogħol li l-persuna kkonċernata wettqet f'kull Stat Membru dam diversi xhur, in-natura tax-xogħol tagħha, jiġifieri x-xogħlijiet ta' kostruzzjoni, kif ukoll il-profil tal-attività ta' Format, jiġifieri t-twettiq ta' xogħlijiet ta' kostruzzjoni f'diversi Stati Membri, il-persuna kkonċernata kienet twettaq, fir-realtà, xogħol abitwali fit-territorju ta' Stat Membru wieħed u għalhekk kienet taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 13(2)(a) ta' dan ir-regolament.

15 Format ppreżentat appell ta' kassazzjoni, minn din id-deċiżjoni quddiem il-qorti tar-rinviju.

16 Din il-qorti tqis li s-sentenza tal-4 ta' Ottubru 2012, Format Urządzenia i Montaże Przemysłowe (C-115/11, EU:C:2012:606), li kienet tirrigwarda kawża prinċipali li timplika wkoll Format u li tirrigwarda fatti li seħħew matul il-perijodu inkwistjoni fil-kawża prinċipali, ma tneħħix id-dubji dwar l-interpretazzjoni tal-Artikolu 14(2) tar-Regolament Nru 1408/71 imqajma minn din il-kawża. Fil-fatt, permezz ta' din is-sentenza, il-Qorti tal-Ġustizzja kienet, ċertament, iddeċidiet li din id-dispożizzjoni kellha tiġi interpretata fis-sens li persuna li, fil-kuntest ta' kuntratti ta' xogħol suċċessivi li tippreċiża bħala post tax-xogħol it-territorju ta' diversi Stati Membri, teżerċita, fil-fatt, matul il-perijodu ta' kull wieħed minn dawn il-kuntratti, l-attività bi ħlas tagħha fit-territorju ta' wieħed biss minn dawn l-Istati fl-istess ħin, ma taqax taħt il-kunċett ta' "persuna normalment impjegata fit-territorju ta' żewġ Stati Membri jew iktar" fis-sens ta' din id-dispożizzjoni. Madankollu, il-fatti inkwistjoni fil-kawża prinċipali li tat lok għal din is-sentenza, jiġifieri li l-persuna kkonċernata kienet, abbażi ta' kuntratti suċċessivi ta' xogħol, ħadmet f'diversi Stati Membri u kienet eżerċitat, matul il-perijodu ta' kull wieħed minn dawn il-kuntratti, l-attività tagħha bħala persuna impjegata esklużivament fit-territorju ta' wieħed minn dawn l-Istati Membri, huma distinti minn dawk inkwistjoni fil-kawża prinċipali sa fejn il-persuna kkonċernata, bis-saħħa ta' kuntratt ta' xogħol wieħed, wettqet attività bħala persuna impjegata, matul żewġ perijodi differenti, li seħħew wara xulxin.

17 Barra minn hekk, mis-sentenza tat-12 ta' Lulju 1973, Hakenberg (13/73, EU:C:1973:92, punt 19), jirriżulta li l-kunċett ta' "persuna li normalment twettaq attività bħala persuna impjegata", fis-sens tal-Artikolu 14(2) tar-Regolament Nru 1408/71, ikopri l-persuni li jkunu jinsabu f'relazzjoni ta' xogħol koerenti u kontinwa li tkopri fl-istess ħin jew fil-kuntest ta' perijodi suċċessivi t-territorju ta' diversi Stati Membri, iżda ma japplikax għal persuni li, matul il-perijodu inkwistjoni, fil-fatt jaħdmu bis-saħħa ta' kuntratt ta' impjieg, xogħol fi Stat Membru wieħed biss u jwettqu, matul is-sena ta' wara, jaħdmu fi Stat Membru ieħor taħt kuntratt ta' impjieg ieħor.

18 Il-qorti tar-rinviju, li tindika li interpretat b'mod differenti dan il-kunċett f'żewġ kawżi li tressqu quddiemha, tqis li huwa neċessarju li tistaqsi lill-Qorti tal-Ġustizzja sabiex tneħħi d-dubji eżistenti f'dan ir-rigward.

19 F'dawn iċ-ċirkustanzi, is-Sąd Najwyższy (il-Qorti Suprema, il-Polonja) iddeċidiet li tissospendi l-proċeduri quddiemha u li tagħmel lill-Qorti tal-Ġustizzja d-domanda preliminari li ġejja:

"Il-kunċett ta' persuna normalment impjegata fit-territorju ta' żewġ Stati Membri jew iktar, użat fl-ewwel sentenza tal-Artikolu 14(2) tar-Regolament tal-Kunsill [Nru 1408/71], għandu jiġi interpretat fis-sens li jirrigwarda persuna li, fil-kuntest tal-istess uniku kuntratt tax-xogħol konkluż mal-istess unika persuna li timpjega, twettaq, matul il-perijodu kopert minn dan il-kuntratt, xogħol fit-territorju rispettiv ta' minn tal-inqas żewġ Stati Membri, mhux b'mod kontemporanju jew parallel, iżda matul perijodi ta' numru ta' xhur direttament konsekuttivi?"

Fuq id-domanda preliminari

20 Permezz tad-domanda tagħha, il-qorti tar-rinviju tistaqsi, essenzjalment, jekk l-Artikolu 14(2) tar-Regolament Nru 1408/71 għandux jiġi interpretat fis-sens li japplika għal persuna li, fil-kuntest ta' kuntratt ta' xogħol wieħed biss konkluż ma' persuna li timpjega waħda li tipprevedi l-eżerċizzju ta' attività professjonali f'diversi Stati Membri, taħdem, għal diversi xhur suċċessivi, fit-territorju ta' kull wieħed minn dawn l-Istati Membri biss.

21 F'dan ir-rigward, għandu jitfakkar li, sabiex taqa' taħt l-Artikolu 14(2) tar-Regolament Nru 1408/71, persuna għandha normalment teżerċita attività bħala persuna impjegata fit-territorju ta' żewġ Stati Membri jew iktar (sentenza tal-4 ta' Ottubru 2012, Format Urządzenia i Montaże Przemysłowe, C-115/11, EU:C:2012:606, punt 39).

22 Skont il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, sabiex jiġi evalwat jekk persuna għandhiex titqies li teżerċita normalment attività bħala persuna impjegata fit-territorju ta' żewġ Stati Membri jew iktar, jew, għall-kuntrarju, jekk humiex attivitajiet imqassma fit-territorju ta' diversi Stati Membri b'mod sempliċement puntwali, hemm lok li jittieħdu inkunsiderazzjoni, b'mod partikolari, it-tul tal-perijodi ta' attività u n-natura tax-xogħol remunerat kif iddefiniti fid-dokumenti kuntrattwali, kif ukoll, jekk ikun il-każ, ir-realtà tal-attivitajiet eżerċitati, jiġifieri, b'mod partikolari, b'mod partikolari, il-mod li bih il-kuntratti ta 'impjieg konklużi bejn min iħaddem u l-ħaddiem ikkonċernat twettqu fil-prattika fil-passat, iċ-ċirkustanzi madwar il-konklużjoni ta' dawn il-kuntratti u, b'mod iktar ġenerali, il-karatteristiċi u l-modalitajiet tal-attivitajiet imwettqa mill-impriża kkonċernata (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-13 ta' Settembru 2017, X, C-570/15, EU:C:2017:674, punt 21 u l-ġurisprudenza ċċitata).

23 F'dan il-każ, id-deċiżjoni tar-rinviju ma tippreċiżax liema huma l-indikazzjonijiet li jinsabu fil-kuntratt ta' xogħol konkluż bejn il-persuna kkonċernata u Format, fir-rigward b'mod partikolari tal-postijiet ta' eżekuzzjoni tax-xogħol imwettaq mill-persuna kkonċernata u t-tul ta' dan ix-xogħol.

24 Madankollu, minn qari tal-proċess ippreżentat lill-Qorti tal-Ġustizzja jidher li, fil-kuntest tal-kuntratt ta' xogħol konkluż bejn Format u l-persuna kkonċernata, għall-perijodu mill-20 ta' Ottubru 2006 sal-31 ta' Diċembru 2009, il-persuna kkonċernata kienet ħadmet fi Franza mit-23 ta' Ottubru 2006, imbagħad fir-Renju Unit mill-5 ta' Novembru 2007 sas-6 ta' Jannar 2008, u mill-ġdid fi Franza mis-7 ta' Jannar 2008.

25 Jekk dan huwa effettivament il-każ, li hija l-qorti tar-rinviju li għandha tivverifika, hemm lok li jiġi kkunsidrat li l-persuna kkonċernata eżerċitat l-attività tagħha bħala persuna impjegata b'mod suċċessiv f'żewġ Stati Membri iżda li t-tul ta' żmien ta' xogħol mhux interrotti mwettaq fl-ewwel Stat Membru kien, rispettivament, ta' madwar tlettax-il xahar u ta' kważi sentejn, b'perijodu intermedju ta' madwar xahrejn eżerċitat fit-tieni Stat Membru. Għalhekk, għandu jiġi kkonstatat li, fil-kuntest tal-kuntratt ta' xogħol tiegħu konkluż għall-perijodu mill-20 ta' Ottubru 2006 sal-31 ta' Diċembru 2009, il-persuna kkonċernata wettqet kważi l-attività kollha tagħha bħala persuna impjegata fit-territorju ta' Stat Membru wieħed.

26 Ċertament, f'dak li jirrigwarda l-perijodi suċċessivi ta' attività eżerċitati fit-territorju ta' iktar minn Stat Membru wieħed, l-Artikolu 14(2) tar-Regolament Nru 1408/71 ma jistabbilixxix limiti *ratione temporis*.

27 Madankollu, mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja jirriżulta li, għalkemm l-eżerċizzju ta' attività bħala persuna impjegata fit-territorju ta' Stat Membru wieħed jikkostitwixxi s-sistema normali tal-persuna kkonċernata, din ma tistax taqa' taħt il-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 14(2) tar-Regolament Nru 1408/71 (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-4 ta' Ottubru 2012, Format Urządzenia i Montaże Przemysłowe, C-115/11, EU:C:2012:606, punt 40).

28 Għaldaqstant, ma jistax jiġi aċċettat li persuna li teżerċita attività bħala persuna impjegata f'kundizzjonijiet bħal dawk inkwistjoni fil-kawża prinċipali, deskritti fil-punti 24 u 25 ta' din is-sentenza, taqa' taħt il-kunċett ta' "persuna normalment impjegata fit-territorju ta' żewġ Stati Membri jew iktar", fis-sens tal-Artikolu 14(2) tar-Regolament Nru 1408/71.

29 Fil-fatt, tali interpretazzjoni jkollha l-effett li testendi l-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-dispożizzjoni għal sitwazzjonijiet li fihom, fir-realtà, il-perijodu li matulu l-persuna kkonċernata teżerċita l-attività tagħha bħala persuna impjegata fit-territorju ta' Stat Membru wieħed huwa tant twil li din l-attività għandha titqies bħala s-sistema ta' attività normali tal-persuna kkonċernata.

30 Barra minn hekk, għandu jiġi enfasizzat li d-dispożizzjonijiet tat-Titolu II tar-Regolament Nru 1408/71, li jagħmel parti minnu l-Artikolu 14 ta' dan ir-regolament, jikkostitwixxu, skont ġurisprudenza stabbilita, sistema kompleta u uniformi ta' regoli ta' kunflitt tal-liġijiet li l-għan tagħhom huwa li l-ħaddiema li jiċċaqilqu ġewwa l-Unjoni jkunu suġġetti għall-iskema tas-sigurtà soċjali ta' Stat Membru wieħed biss, b'tali mod li jiġu evitati l-akkumulazzjoni ta' leġiżlazzjonijiet nazzjonali applikabbli u l-kumplikazzjonijiet li jistgħu jirriżultaw minħabba minnhom (ara f'dan is-sens, is-sentenzi tas-16 ta' Frar 1995, Calle Grenzshop Andresen, C-425/93, EU:C:1995:37, punt 9; tat-13 ta' Settembru 2017, X, C-570/15, EU:C:2017:674, punt 14, u tat-8 ta' Mejju 2019, Inspecteur van de Belastingdienst, C-631/17, EU:C:2019:381 punt 33).

31 Għal dan il-għan, l-Artikolu 13(2)(a) tar-Regolament Nru 1408/71 jistabbilixxi l-prinċipju li jipprovdi li ħaddiem impjegat huwa suġġett, fil-qasam tas-sigurtà soċjali, għal-leġiżlazzjoni tal-Istat Membru li jaħdem fih (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-13 ta' Settembru 2017, X, C-570/15, EU:C:2017:674, punt 15 u l-ġurisprudenza ċċitata).

32 Dan il-prinċipju huwa madankollu fformolat "[suġġett] għall-Artikoli 14 sa 17" tar-Regolament Nru 1408/71. Fil-fatt, f'ċerti sitwazzjonijiet partikolari, l-applikazzjoni pura u sempliċi tar-regola ġenerali stabbilita fl-Artikolu 13(2)(a) ta' dan ir-regolament tissogra mhux li tevita, iżda, b'mod kuntrarju, li toħloq, kemm għall-ħaddiem kif ukoll fuq il-persuna li timpjega u għall-organi ta' sigurtà soċjali, kumplikazzjonijiet amministrattivi li l-effett tagħhom jista' jkun li jostakolaw l-eżerċizzju

tal-moviment liberu tal-persuni koperti mill-imsemmi regolament (sentenza tal-4 ta' Ottubru 2012, Format Urządzenia i Montaże Przemysłowe, C-115/11, EU:C:2012:606, punt 31 u l-ġurisprudenza ċċitata).

33 B'hekk, il-paragrafu 2 tal-Artikolu 14 tar-Regolament Nru 1408/71 jikkostitwixxi, bl-istess mod bħall-paragrafu 1(a) ta' dan l-artikolu, deroga mill-prinċipju ġenerali previst fl-Artikolu 13(2) (a) ta' dan ir-regolament. L-Artikolu 14(2) tal-imsemmi regolament għandu għalhekk jiġi interpretat b'mod strett (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tas-16 ta' Jannar 2007, Perez Naranjo, C-265/05, EU:C:2007:26, punt 29).

34 Issa, għandu jittieħed inkunsiderazzjoni l-fatt li, għall-finijiet tal-eċċezzjoni prevista fl-Artikolu 14(1)(a) tar-Regolament Nru 1408/71, il-leġiżlatur tal-Unjoni manifestament ikkunsidra li l-kollokament temporanju u għal żmien qasir ta' ħaddiem fi Stat Membru ieħor matul perijodu massimu ta' tnax-il xahar jiġġustifika eċċezzjoni għar-regola tal-Istat Membru tal-post tal-eżerċizzju tal-attività prevista fl-Artikolu 13(2) (a) ta' dan ir-regolament (ara, f'dan is-sens, il-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Mazák fil-kawża Format Urządzenia i Montaże Przemysłowe, C-115/11, EU:C:2012:267, punt 55).

35 Minn dan isegwi li, sabiex tiġi żgurata interpretazzjoni koerenti tad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 14(1)(a) u (2) tar-Regolament Nru 1408/71, għandu jitqies li persuna li teżerċita, matul perijodi suċċessivi ta' xogħol, attività bħala persuna impjegata fi Stati Membri differenti għandha titqies bħala li teżerċita normalment attività bħala persuna impjegata fit-territorju ta' żewġ Stati Membri jew iktar, fis-sens tal-Artikolu 14(2) tar-Regolament Nru 1408/71, sakemm it-tul tal-perijodi mhux interrotti ta' xogħol imwettqa f'kull wieħed minn dawn l-Istati Membri ma jaqbiżx tnax-il xahar. Hija biss tali interpretazzjoni li hija ta' natura li tevita l-evażjoni tal-prinċipju previst fl-Artikolu 13(2)(a) ta' dan ir-regolament.

36 Għaldaqstant, għandu jiġi kkonstatat li l-Artikolu 14(2)(b) tar-Regolament Nru 1408/71, bla ħsara għall-verifika mill-qorti nazzjonali, ma huwiex applikabbli għal sitwazzjoni bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali.

37 Għandu jingħad ukoll li tali sitwazzjoni ma taqax, *a priori*, taħt l-Artikolu 14(1) (a) tar-Regolament Nru 1408/71. Fil-fatt, hija biss impriża li teżerċita abitwalment attivitajiet sinjifikattivi fit-territorju tal-Istat Membru ta' stabbiliment li tista' tibbenefika mill-vantaġġ offrut mill-eċċezzjoni prevista f'din id-dispożizzjoni (sentenza tal-10 ta' Frar 2000, FTS, C-202/97, EU:C:2000:75, punt 40). Issa, f'dan il-każ, id-deċiżjoni tar-rinviju ma tippreċiżax jekk, matul il-perijodu mill-20 ta' Ottubru 2006 sal-31 ta' Diċembru 2009, Format kinitx teżerċita abitwalment attivitajiet sinjifikattivi fil-Polonja, li huwa l-Istat Membru li fih hija stabbilita. Barra minn hekk, mis-sentenza tal-4 ta' Ottubru 2012, Format Urządzenia i Montaże Przemysłowe (C-115/11, EU:C:2012:606, punt 32), li kienet tirrigwarda kawża prinċipali li timplika wkoll Format u li tirrigwarda fatti li seħħew matul il-perijodu inkwistjoni fil-kawża prinċipali, jirriżulta li din il-kumpannija normalment ma teżerċitax attivitajiet sinjifikattivi fil-Polonja. Għalhekk ma jidhirx, *a priori*, li din il-kundizzjoni hija ssodisfatta f'dan il-każ, fatt li madankollu għandu jiġi vverifikat mill-qorti tar-rinviju.

38 Min-naħa l-oħra, tali sitwazzjoni tista' taqa' taħt il-prinċipju stabbilit fl-Artikolu 13(2)(a) tar-Regolament Nru 1408/71.

39 Fid-dawl ta' dak kollu li ntqal, ir-risposta għad-domanda magħmula għandha tkun li l-Artikolu 14(2) tar-Regolament Nru 1408/71 għandu jiġi interpretat fis-sens li ma japplikax għal persuna li, fil-kuntest ta' kuntratt ta' xogħol wieħed biss konklużma' persuna li timpjega waħda biss li jipprevedi l-eżerċizzju ta' attività professjonali f'diversi Stati Membri, taħdem, matul diversi xhur suċċessivi, unikament fit-territorju ta' kull wieħed minn dawn l-Istati Membri, meta t-tul tal-perijodi mhux interrotti ta' xogħol imwettqa minn din il-persuna f'kull wieħed minn dawn l-Istati Membri jaqbeż it-12-il xahar, huwa fatt li hija l-qorti tar-rinviju li għandha tivverifika.

Fuq l-ispejjeż

40 Peress li l-proċedura għandha, fir-rigward tal-partijiet fil-kawża prinċipali, in-natura ta' kwistjoni mqajma quddiem il-qorti tar-rinviju, hija din il-qorti li tiddeċiedi fuq l-ispejjeż. L-ispejjeż sostnuti għas-sottomissjoni tal-osservazzjonijiet lill-Qorti tal-Ġustizzja, barra dawk tal-imsemmija partijiet, ma jistgħux jitħallsu lura.

Għal dawn il-motivi, il-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tmien Awla) taqta' u tiddeċiedi:

L-Artikolu 14(2) tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1408/71, tal-14 ta' Ġunju 1971, dwar l-applikazzjoni tal-iskemi tas-siġurtà soċjali għall-persuni impjegati, għall-persuni li jaħdmu għal rashom u għall-membri tal-familji tagħhom li jiċċaqilqu fil-Komunità, fil-verżjoni tiegħu emendata u aġġornata bir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 118/97, tat-2 ta' Diċembru 1996, kif emendat bir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1606/98, tad-29 ta' Ġunju 1998, għandu jiġi interpretat fis-sens li ma japplikax għal persuna li, fil-kuntest ta' kuntratt ta' xogħol wieħed biss konkluż ma' persuna li timpjega waħda biss li jipprevedi l-eżerċizzju ta' attività professjonali f'diversi Stati Membri, taħdem, matul diversi xhur suċċessivi, unikament fit-territorju ta' kull wieħed minn dawn l-Istati Membri, meta t-tul tal-perijodi mhux interrotti ta' xogħol imwettqa minn din il-persuna f'kull wieħed minn dawn l-Istati Membri jaqbeż it-12-il xahar, huwa fatt li hija l-qorti tar-rinviju li għandha tivverifika.

Firem